F’Settembru **Teo** għandu jmur **l-iskola** għall-ewwel darba.




“Tgħid inkunu nistgħu **nidħqu** l-iskola?” beda jinkwieta Teo. “Jew inkunu rridu noqogħdu **dejjem serji**?”



"Inkunu nistgħu mmorru t-tojlit, jew jekk
ikollna bżonn nagħmlu pipì rridu nżommuha?
Imbagħad irridu nitgħallmu **naqraw!**
U nitgħallmu **n-numri** wieħed, tnejn, tlieta?"
Ma x'biża' **l-ewwel jum** tal-iskola!






Teo skappatlu **għatisa kbira**.
"X'inhu jiġrili? Ara, kibirli **denb**,
għandi s-suf u l-baffi!"
Teo nbidel f'**qattus** bil-pil twil u artab.